# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ — SETTEMBRU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1973

# VIRIBUS UNITIS

*SA MILL-EWWEL ŻMIEN meta bdiet tinħass il-ħtieġa li nistudjaw il-Malti u ninqdew bih bħala lsien nazzjonali, nibtu għaqdiet u xirkiet biex jiddefenduh u jmexxuh 'il quddiem. Kien hemm is-Società Medica d'Incoraggimento, ix-Xirka Xemija, il-Għaqda tal-Malti, ix-Xirka Għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti, il-Għaqda tal-Malti tad-Dockyard, u llum hawn xi ħamsa jew sitt għaqdiet oħra, ilkoll jaħdmu għall-Malti u jixtiequ jarawh miexi 'il quddiem u mweġġah u meqjum kif jixraqlu f'pajjiżu.*

*Imma għalkemm kull għaqda jew xirka kellha xi skop ta' min ifaħħru, huma kienu mehdijin bil-fehma tagħhom biss, u l-ħidma tagħhom kienet dejjem tħaqqaq fuq l-iskop ewlieni li għalih kienu twaqqfu, blama qatt importahom mill-ħidma ta' għaqdiet oħra, u anqas qatt ma għaddielhom minn moħħhom li jingħaqdu magħhom biex iwieżnuhom u jgħinuhom fil-ħidma li jkunu ndaħlu għaliha.*

*Dan in-nuqqas ta' ftehim fixkel mhux ftit il-ħidma tal-għaqdiet u safa ta' dannu meta n-nuqqas ta' ftehim wassal għall-pika u l-ġlied fost ix-xirkiet u l-għaqdiet li kienu twaqqfu biex iħabirku għal ħaġa waħda: l-Ilsien Malti.*

*Imma wkoll meta ma kienx hemm ġlied jew piki, in-nuqqas ta' ftehim naqqas mill-fejda ta' għaqdiet u xirkiet. Għax meta għaqda jew xirka, tkun qawwija kemm tkun, issemma' leħenha weħidha, il-kelma tagħha għalkemm forsi tasal f'widnejn min għandu jismagħha, imma s-saħħa tagħha ma tkunx iddamdam daqs kieku kienet il-leħen ta' bosta xirkiet magħqudin flimkien li jitkellmu f'isem eluf ta' msieħbin.*

*Din kienet il-ħtija li ħafna għaqdiet u xirkiet tal-Malti mietu ħesrem; twaqqfu bi ħsieb ta' min ifaħħru u b'rieda ta' min iħaddanha, imma l-bruda tfietilhom il-ħeġġa u qerdithom irqiq irqiq.*

*Dak in-nuqqas ta' rabta bejn il-għaqdiet tal-Malti kien wieħed mir-raġunijiet għaliex l-ilsien tagħna baqa' lura. Kien hemm ħafna li għal xi tir ta' moħħhom kien jaqblilhom li f'Malta jibqgħu jsaltnu ilsna barranin, u huma qatt ma sabu tqanqila għalenija fost id-difensuri tal-Malti biex jaqbżu għall-jedd ta' l-ilsien nazzjonali.*

*Kultant xi għaqda jew xi xirka kienet issamma' l-leħen tagħha b'risq il-Malti, imma dak il-leħen waħdu kien qisu għajta fid-deżert; ma kienx iħarrek lil dawk li kienu ġmielhom jistrieħu fuq l-injuranza u l-firda tal-kotra.*

*Meta fl-1921, Malta għall-ewwel darba ħadet il-Gvern tagħha f'idejha, l-Amministrazzjoni malajr indunat li ma kien hemm xejn aħjar mill-kelma Maltija biex il-Gvern ifiehem lill-poplu u biex il-poplu jwassal leħnu lill-Gvern. Għalhekk inħasset il-ħtieġa tal-Malti fl-amministrazzjoni; imma biex dan isir sewwa kien jeħtieġ li jistabilixxu sistema ta' kitba xjentifika fil-Malti. Dan is-sistema ta' kitba kien il-kawża ta' bosta ġlied u piki bejn il-għaqdiet tal-Malti li kienu twaqqfu sa dak iż-żmien.*

*Għalhekk bħala l-ewwel pass lejn ir-rebħa tal-Malti, kien il-ħolqien ta' sistema mħaddan minn kulħadd: Gvern, kittieba u poplu. B'dan il-ħsieb twaqqfet il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, il-lum Akkademja tal-Malti, li seħħilha tagħti lil pajjiżna alfabett u ortografija mibnijin fuq sistema xjentifiku li qdew bħala sisien għall-iżvilupp letterarju u kulturali ta' l-Ilsien Malti.*

*L-Għaqda seħħilha tħejji s-sistema mħaddan minn kulħadd iżda, b'danakollu, għaqdiet u xirkiet oħra għażlu li jibqgħu mifrudin mill-Għaqda għalkemm dejjem stmawha u żammewha bħala l-Omm tagħhom.*

*Dan in-nuqqas ta' sħubija, bħalma għidna qabel, seta' naqqas l-effett tal-ħidma ta' l-għaqdiet u żamm lura l-iżvilupp tal-Malti. Għalhekk fost dawk li jħobbu tassew l-ilsien tagħna, bdiet tinħass il-ħtieġa għall-għaqda fost il-għaqdiet, u fl-1936 tqanqlet ħidma biex il-għaqdiet u x-xirkiet jersqu lejn xulxin, jissieħbu flimkien u jingħaqdu f'Kunsill Ċentrali. Tant ħabirku li r-Rappreżentanti tal-għaqdiet tal-Malti ltaqgħu bosta drabi, fasslu statut, ħatru Kumitat u bdew il-ħidma tagħhom. Imma mbagħad ġiet il-gwerra li sfrattat kollox.*

*Imma dik ix-xewqa għall-ħidma għalenija baqgħet tberren f'moħħ dawk li jħobbu l-Malti, u fl-aħħar xhur li għaddew xi ħbieb tal-Malti reġgħu qajmuha fil-gazzetti u fix-xandir. Billi l-fehma kienet tajba u ta' min ifaħħarha, il-għaqdiet ħatru d-Delegati tagħhom li ltaqgħu flimkien u, wara studju u diskussjonijiet, ħejjew statut li kien milqugħ minn kulħadd, li taħtu ntagħżel l-ewwel Kunsill Ċentrali u li bla telf ta' żmien beda l-ħidma tiegħu b'risq l-ilsien tagħna.*

*Dan il-Kunsill Ċentrali twaqqaf biex igħin lill-għaqdiet fil-ħidma siewja tagħhom, u mhux biex jindaħlilhom jew biex jistħarrġilhom għemilhom; ir-rabta ta' bejniethom li tnisslet mill-Kunsill Ċentrali, hi rabta ta' bejn il-ħbieb li jaqbżu għal xulxin, li jixtiequ l-ġid lil xulxin, kif għandu jkun fost l-ulied ta' din l-art ħelwa, l-omm li tatna l-ħajja.*